KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 386

It-Tnejn 9 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Dominic Grech (daħal fis-7.00pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Julian Borg

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**386.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Julian Borg.

**386.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 385. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**386.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

**386.2.2** 385.3.3, 385.3.4, 385.3.6 Is-Sindku infurma li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-Covid-19, dawn il-proġetti ġew posposti.

**386.2.3** 385.4.4 il-Viċi Sindku infurmat li l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ kienet irriżenjat minħabba impenji oħra. Hija qalet li ser tinħareġ sejħa lokali għal żgħażagħ bejn is-16 u t-18-il sena li huma interessati jidħlu fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Minn fosthom imbagħad jiġi magħżul l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Il-Viċi sindku qalet ukoll li qed isiru laqgħat kull ġimgħatejn mal-Kunsill Lokali Tfal. Bħalissa qed jaħdmu fuq kompetizzjoni ta' talent li tinkludi tpenġija, kitba ta' proża jew peożija fuq is-Siġġiewi. Id-data tal-għeluq tkun fl-aħħar t'April 2020.

**386.2.4** 385.6 Is-Sindku qal li ġejna infurmati li l-proposti li ressaq il-Kunsill lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss fit-12 ta' Marzu 2020.

**386.2.5** 385.9 Is-Sindku qal li wara laqgħa fuq il-post mal-Perit fejn it-triq ġiet imkejla, irriżulta li bħalissa l-wisa' ma tippermettix aċċess għal vetturi goffi fil-biċċa li tiżbokka fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Meta titlesta l-korstruzzjoni preżenti, l-Perit ta l-parir li t-triq tiġi one-way bit-traffiku jidħol minn naħa tal-Kirċippu u joħroġ lejn Triq Mons Mikiel Azzopardi peress li l-viżibilta' mhix ostakolata. Is-Sindku għalhekk propona li l-perit tal-Kunsill jibda jlesti sketch biex issir l-applikazzjoni ma' TM.

**386.2.6** 385.10 Is-Sindku qal li l-programm ta' Jum is-Siġġiewi miexi kif previst. Is-Sindku rringrazja lil Infrastructure Malta li provdew is-siġar li ġew imħawla f'Ta' Brija, kif ukoll l-għaqdiet u r-rappreżentanza mill-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ tas-sehem tagħhom. Huwa qal li jonqos jitħawlu xi arbuxelli fil-post u li t-tisqija ser issir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

**386.2.7** 385.13 Is-Sindku informa li ntbagħtu s-Sottomissjonijiet mill-perit tal-Kunsill fuq applikazzjonijiet PA/0220/20 (Tal-Bandlieri, Ta' l-Għolja) u PA/00807/20 (Triq Ta' Għar Lapsi), filwaqt li mill-informazzjoni tal-Perit, l-applikazzjoni PA418/20 (Tad-Debbiet) hija għal żvilupp kompletament sotterranju u għalhekk ma jagħmilx sens li jintalbu photomontages. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet li xorta jintalbu photomontages u qalet li mhix deċiżjoni tal-Perit jekk nitolbux iktar informazzjoni. Hija talbet ukoll li s-sottomissjonijiet jiġu ċirkulati mal-Kunsilliera.

**386.2.8** 385.14.1 Is-Sindku qara draft tar-risposta tal-ittra. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit talbet biex id-draft tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera qabel tintbagħat, flimkien ma' kopja taż-żewġ ittri riċevuti.

**386.2.9** 385.14.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li taqbel mal-pożizzjoni tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, u li hi ukoll tiddisassoċja ruħha ma' li ġara.

**386.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**386.3.1** Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda biss għall-post vakanti taħt l-iskema 'Community Inclusive Scheme' u ħames applikazzjoni għal post vakanti ta' Clerk fuq Skala 15. Huwa talab lill-membri tal-'adjudication board' biex jiftehmu data u ħin għall-intervisti mal-kandidati prospettivi u propona l-1 t'April 2020 mid-9.00am. Il-membri tal-bord, qablu mal-ħin u d-data propost.

**386.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**386.4.1** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit rreferiet għall-artiklu tat-3 ta' Marzu 2020 fuq it-Times of Malta bit-titlu "*Owners defend proposed site for fuel station in Siġġiewi"* fejn il-Perit Pullicino qal "*local council was in favour but had asked for more studies*". Hija staqsiet għaliex il-Kunsill mhux jirrispondi għal dawn l-artikli. Hi rreferiet għal artiklu ppublikat fl-ewwel tas-sena li jgħid li l-Kunsill ma kellux pożizzjoni meta l-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni fuq il-kwistjoni.

Is-Sindku qal li hu kien wieġeb lill-ġurnalist bit-telefon u seta kien hemm xi differenzi bejn dak li qalu bit-telefon u l-mod kif inkitbet it-tweġiba tiegħu fl-artiklu. Hu qal ukoll li ma kienx ra l-artiklu tat-3 ta' Marzu 2019.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li l-interessi tal-lokalità għandhom jitħarrsu b'mod responsabbli mis-Sindku u meta jkun hemm mistoqsijiet mill-media għandha tintbagħat risposta uffiċjali bil-miktub ħalli jitneħħa kull dubju li jkun hemm differenzi kif qed jindika. Hi sostniet ukoll li fejn l-media ma tirrapurtax informazzjoni jew risposti li jkunu għal kollox korretti, is-Sindku għandu wkoll responsabilità li jitlob korrezzjoni jew 'right of reply.' Il-Kunsilliera Psaila Zammit talbet lis-Sindku jibgħat risposta uffiċjali lil media għall-artiklu tat-3 ta' Marzu 2020 u tinħareġ stqarrija bir-sottomissjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali lill-media kollha. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din l-istqarrija minnufih.

**386.5** **Mixgħela 2020**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Adrian Farrugia iltaqa' mal-għaqdiet rigward it-tħejjijiet għal mixgħela tas-salib tal-għolja. Huwa qal li l-Għaqda Brass Band kienet uriet interess li tipparteċipa bil-ftuħ tas-shelters, ftuħ tal-Knisja l-Qadima u mejda tal-appostli. Huma talbu ħlas ta' €1600, eskluż il-parteċipazzjoni bil-banda għal prezz ta' €600 addizjonali.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li l-Każin Banda San Nikola ser ikun qed jikkoordina l-mixgħela bil-fjakkoli mal-għolja, pageant, materjal, marshalls u servizz ta' banda għal prezz kumplessiv ta' €4000 bħas-snin preċedenti.

Is-Sindku qal li l-Grupp tal-Armar xtaqu li jkabbru l-area li jixgħelu bil-fjakkoli billi jżidu il fjakkoli fuq iż-żewġ naħat tal-Knisja Parrokkjali bl-akbar ammont ikun in-naħa tal-oratorju, u talbu s-somma ta' €2500.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan il-programm u approva l-ispejjeż relatati.

Il-Kunsillier Dominic Grech daħal fis-7.00pm.

**386.6** **Tismija ta' toroq**

Is-Sindku preżenta pjanta ta' sqaq li jiżbokka minn Triq Mons Mikiel Azzopardi u jinżel lejn il-Limestone Heritage li bħalissa m'għandux isem. Huwa propona li dan l-isqaq jingħata isem u ssuġġerixxa 'Sqaq il-Franka' b'konnessjoni mal-ġebla maltija, u mal-Limestone Heritage stess li huwa mużew ta' din il-ġebla komuni fil-barrieri siġġiwin. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li l-isem 'Sqaq il-Franka' jiġi propost lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

**386.7** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**386.8** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondeza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**386.8.1** Is-Sindku qara korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Libreriji rigward xiri ta' kotba mid-Dipartiment għal ammont ta' €750 għal-librerija Karmenu Vassallo. B'referenza għal din, il-librara tal-librerija lokali is-Sa. Aquilina talbet lill-Kunsill l-approvazzjoni għal xiri addizjonali ta' kotba għas-somma ta' €369.99. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova din is-somma. Il-Viċi Sindku ssekondat u l-Kunsill unaniment approva.

**386.8.2** Is-Sindku qara korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Francine Farrugia bis-suġġett 'Familja Pace – Għajnuna mill-Kunsill Lokali Siġġiewi' sussegwenti għat-traġedja tat-3 ta' Marzu 2020 f'Santa Venera fejn tilfet ħajjitha s-Sra. Pace. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li meta bagħtet il-korrispondenza kien għad m'hemm l-ebda kont uffiċjali biex jinġabru fondi, għalhekk issa li hemm fond, tirtira t-talba oriġinali u tħeġġeġ biex il-pubbliku jagħti għajnuna b'donazzjoni lil din il-familja.

**386.8.3** Is-Sindku qara korrispondenza mill-Onor. Ryan Callus bis-suġġett 'Inizjattiva tħawwil ta' Siġar fis-Siġġiewi', fejn talab biex il-Kunsill jidentifika roundabouts fejn jista' jsir tħawwil. Wara li l-Kunsill ikkunsidra diversi siti, ġew identifikati t-*traffic islands* fiż-żona ta' Kirċippu.

**386.9** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**386.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Francine Farrugia issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**386.11** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**386.11.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għad ma kienx hemm risposti fuq l-applikazzjoni tal-Proġett Achievers. Madankollu, hija tiproponi li l-attivita' propoposta ssir anka jekk dan il-proġett ma jiġix approvat tramite Achievers, biex il-Kunsill xorta jimpromwovi inizjattivi favur is-saħħa u l-isport. Hija proponiet li jinsabu sponsors li jistgħu jgħinu.

**386.11.2** Il-Viċi Sindku Rodianne Haber qalet li minkejja li fil-playground Nalizpelra hemm tabelli biex ma jkunx hemm logħob bil-ballun u roti, xorta qed ikun hemm grupp ta' teenagers jilagħbu goff bil-ballun u anka bir-roti. Hija proponiet li jkun hemm infurzar. Is-Sindku qal li sakemm ma ssirx ħsara u sakemm ma jilgħabux fiż-żona taż-żgħar aħjar dawn it-teenagers jiltaqgħu hemm jilagħbu milli jaqgħu f'xi vizzju. Huwa propona li jsiru taħdidiet mal-għaqda tal-Football għall-użu tal-grawnd fi ġranet stabbiliti biex tfal ta' ċerta eta' jkollhom post għal żvog fil-ħin liberu tagħhom.

**386.11.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li irċeviet rapporti li l-bandli ta' Għar Lapsi li għadu taħt

kostruzzjoni qed jidħlu ħafna nies fil-playground u saħansitra diġa għamlu xi ħsara fl-equipment. Is-Sindku qal li l-park għadu mhux lest u magħluq b'*hoarding* li kull darba qed jiġi spustjat minn nies. Huwa qal li għada stess sa jesieġi li l-*hoarding* ikun postu u jeħlu tabelli li jindikaw li s-sit għadu magħluq.

**386.11.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet fhiex wasal l-installar ta' *cats eyes* fit-triq lejn Għar Lapsi. Is-Sindku wieġeb li l-applikazzjoni ġiet approvata minn Transport Malta u fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa fuq il-post mal-Kuntrattur biex jiġi ordnat ix-xogħol.

**386.11.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li rċeviet ilmenti li s-servizz tal-podoloġista m'għadux jiġi offrut fil-berġa tas-Siġġiewi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet infurmata li s-servizz għadu jiġi offrut iżda b'inqas frekwenza.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet fit-8.00pm.

**386.11.6** Il-Kunsillier Adrian Farrugia staqsa dwar it-talba għal mera ġdida fit-triq ta' Għar Lapsi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tiġi ordnata mal-*batch* li jmiss.

**386.11.7** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li residenti fi Triq Ramija qalu li peress li l-bankina quddiem ir-residenza tagħhom hija dejqa ħafna, meta jipparkjaw il-vetturi quddiemhom jispiċċaw imsakkrin f'darhom. Huwa propona li jinżebgħa *double yellow line* quddiem ir-residenza.

**386.11.8** Il-Kunsillier Farrugia qal li fil-passaġġ f'Binja Ramija niżel il-madum u qed tinġema għadira bl-ilma kull meta tagħmel ix-xita.
Huwa propona wkoll li ssir talba biex biċċa trejqa dejqa f'Ramija fejn hemm il-printed concrete, tiġi pedonali.

**386.11.9** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-problema li kull meta jinqata' d-dawl, iż-żona ta' Kirċippu jibqa' mingħajr dawl fit-triq għal ġranet sħaħ. Hija talbet li l-Kunsill jinfurma l-Enemalta rigward din il-problema.

**386.11.10** Il-Kunsillier Dominic Grech saqsa jekk il-Kunsill kellux informazzjoni dwar meta ser jingħata wiċċ ġdid fi Triq Annabelle Vassallo u l-biċċa li jonqos fi Triq ta' Għar Lapsi. Is-Sindku wieġeb li meta staqsa lil Infrastructure Malta qalulu li Triq Annabelle Vassallo ser issir imminenti, iżda fi triq ta' Għar Lapsi għad iridu jinbidlu s-servizzi.

**386.11.11** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li sidien ta' ġardin fi Triq Annabelle Vassallo qed jilmentaw li peress li quddiem l-entrata m'hemmx bankina, meta jkun hemm vettura pparkjata ma jkollhomx aċċess. Huwa propona li jsir *double yellow line*.

**386.11.12** Huwa semma wkoll li hemm mera imkissra quddiem Sqaq numru 2, Triq San Ġwann.

**386.12 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 t'April 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 14 t'April 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv